MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 375/1987/1

**Joseph A. Gasan u Joseph Said bhala diretturi ta' u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Intercontinental Services Limited u b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Mejju, 2002, ic-Chairman tas-socjeta' attrici ghandu jigi sostitwit minn "Joseph A. Gasan" ghal "Joseph Said" u ghalhekk ghandhom jithassru dawn iz-zewg kelmiet**

**Vs**

**Alfred Grima, Henry Micallef, Charles Grima, Victor Licari, Avuket Dottor Victor A. Mercieca u il-Professur Avukat Dottor Joseph A. Micallef u b'nota tat-8 ta' Frar, 2001 l-avukati Anton u Peter ahwa Micallef assumew l-atti tal-kawza minflok il-Professur Dr Joseph A. Micallef li miet waqt il-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fil-5 ta' Mejju, 1987, li fiha wara li ppremettew illi fil-perjodu bejn il-31 ta'

Lulju, 1985 u t-30 ta’ Lulju, 1996, il-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef kienu c-Chairman u s-Segretarju rispettivament tas-socjeta’ attrici u l-konvenuti kienu diretturi tas-socjeta’ attrici;

Ipremettew illi jirrizulta minn dokument ufficjali li tul l-imsemmi perjodu, u segnatament fil-5 ta’ Novembru, 1985, il-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef bhala firmatarji tal-kumpanija attrici u ghan-nom tal-istess iffirmaw id-dokument li bih bieghu lil Middle Sea Insurance Co. Ltd sebgha mija u hamsin elf (750,000) azzjoni (tal-valur nominali ta’ 5 centezmi kull azzjoni) fis-socjeta’ Air Malta Company Limited versu l-prezz komplessiv ta’ mija u hamsin elf liri (LM150,000);

Ipremettew illi tali prezz ta’ LM150,000 thallas minn Middle Sea Insurance Co Ltd. Permezz ta’ cheque fl-ammont ta’ sebghin elf liri (LM70,000) migbud fuq Mid-Med Bank Ltd. u tlitt cheques ohra fl-ammont rispettiv ta’ tmienja u tlettin elf (LM38,000), tnejn u tlettin elf (LM32,000) u ghaxart elef liri (LM10,000) migbuda fuq Bank of Valletta, u kollha mahruga a favur tas-socjeta’ attrici, bhala socjeta’ venditrici;

Ipremettew illi mill-kotba tas-socjeta’ attrici jirrizuta illi c-cheques fuq indikati fl-ammonti rispettivi ta’ LM70,000, LM38,000, u LM32,000 gew akkreditati fil-kontijiet taghha.

Ipremmettew illi altrimenti pero’ ma nstabet ebda tracca fil-kontijiet tas-socjeta’ attrici tar-rimanenti ammont ta’ LM10,000 liema ammont fil-fatt thallas mis-socjeta’ kompratrici Middle Sea Insurance Company Limited permezz ta’ cheque migbud fuq Bank of Valletta Ltd datat 6 ta’ Novembru, 1985, cheque numru A/463112 mahrug f’isem Intercontinental Services Ltd. Tali cheque jirrizulta li gie ffirmat “a tergo” miz-zewg konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef u l-import relattiv inkassat fi flus kontanti mill-Bank of Valletta, Bisazza Street, Sliema Branch fit-13 ta’ Novembru, 1985.

Ipremettew illi recentament il-Bord tad-diretturi attwali tas-socjeta’ attrici, elett fil-kariga fit-30 ta’ Lulju, 1986,

ripetutament talab lill-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef sabiex jaghtu spjegazzjoni dettaljata dwar il-mod kif huma iddisponew mill-imsemmi ammont ta’ LM10,000 stante li, kif premess, ma tezisti ebda tracca ta’ tali somma fil-kotba u kontijiet tas-socjeta’ attrici.

Ipremettew illi inoltre fid-29 ta’ Settembru, 1986 il-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef gew interpellati permezz ta’ protest giudizzjarju sabiex ‘inter alia’ jipproducu prova dokumentarja sodisfacenti dwar il-mod kif huma iddisponew mill-imsemmi ammont ta’ ghaxart elef lira (LM10,000) a beneficcju tas-socjeta’ attrici.

Ipremettew illi pero’ b’kontro-protest prezentat fid-9 ta’ Ottubru, 1986, il-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef fil-waqt li qablu “li 750,000 azzjoni imsemmija f’dak il-protest inbieghu ghas-somma ta’ LM150,000 u li ttiehdet is-somma ta’ LM10,000”, naqsu milli jaghtu spjegazzjoni gustifikattiva tal-operat taghhom anzi iddikjaraw testwalment “li ma ghandhom ghalfejn jaghtu ebda dettalji tal-operat taghhom” ghaliex “kull ma ghamlu kien gie qabel approvat minn membri ohra tal-Bord” ta’ dak iz-zmien – affarijiet li huma legalment insostenibili u fattwalment mhux pruvati u huma kontestati;

Ipremettew illi fis-6 ta’ Frar, 1987 l-istanti baghtu ittra ufficjali lill-konvenuti kollha biex jaghtu kont tal-operat taghhom dwar l-LM10,000 fuq indikati u r-risposti li nghataw huma dawk annessi (Dok. E, F, G, H, ) izda avvolja ntqal minn xi whud minnhom li thallsu bhala kummissjoni lil xi hadd izda ma nghata l-ebda dokument gustifikattiv jew spjegattiv u l-ebda dettall li jaghti xi spjegazzjoni dwar dan is-suppost pagament; u peress li l-istanti nomine mhumiex sodisfatti li dan is-suppost pagament ta’ ghaxart elef lira (LM10,000) sar li xi terz, u subordinatament, jekk sar, li dan il-pagament sar fl-interess tal-kumpanija attrici u/jew li kien lecitu u li jidhol fl-awtorita’ tal-kumpanija jew tal-Bord tad-Diretturi taghha u peress li kull minn kellu x’jaqsam ma din l-operazzjoni min-naha tal-kumpraturi jinnega li kien hemm xi sensal jew li sar xi pagament ta’ ebda kummissjoni; u peress illi l-konvenuti kollha li kellhom x’jaqsmu ma din il-kwistjoni

bhala diretturi, segretarju u/jew firmatarji ta' dokumenti bankarji f'isem il-kumpanija istanti huma solidalment obbligati lejn l-istanti biex jaghtu kont tal-operat taghhom u li jhallsu lill-istanti anke jekk hemm bzonn il-linea tad-danni, l-imsemmija LM10,000 li kienu flus tal-kumpanija istanti u li baqghet nieqsa minnhom;u peress li l-konvenuti kollha fil-kariga u mansjonijiet li kellhom fil-kumpanija attrici kienu obbligati li jagixxu bid-diligenza u attenzjoni kollha u fil-limiti tal-legalita' u awtorita' tal-kumpanija u fil-fatt naqsu milli jaqdu dawn id-doveri taghhom lejn il-kumpanija skond il-ligi, imhabba frod u/jew negligenza u/jew kolpa skond il-ligi, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ipremettew illi bhala fatt l-imsemmi ammont LM10,000 ma giex akkreditat lill-istanti nomine u ghalhekk fic-cirkostanzi bl-ghemil jew nuqqas tal-konvenuti is-socjeta' attrici soffriet danni konsistenti fil-mankat inkass tas-somma ta' LM10,000 u fit-telf tal-imghax relattiv;

Ipremettew illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni hekk sofferti mis-socjeta' attrici u dana in solidum bejniethom.

Talbu il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. M'ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-konvenuti kollha, jew min minnhom huma responsabbli, anke jekk hemm bzonn in linea ta' danni, lejn l-istanti nomine imhabba l-ghemil jew nuqqas taghhom bazat fuq frodi u/jew negligenza u/jew kolpa fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom lejn il-kumpanija attrici ghas-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (LM10,000) li kienet parti mill-prezz tal-bejgh tal-azzjonijiet f'Air Malta Company Limited maghmul mill-istanti nomine lill-Middle Sea Insurance Company Limited fil-5 ta' Novembru, 1985 liema somma ta' LM10,000 baqghet ma gietx akkreditata lill-kumpanija attrici – u dana ghar-ragunijiet premessi;

2. M'ghandhiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, solidalment bejniethom, ihallsu lill-istanti nomine s-somma fuq indikata ta' ghaxart elef lira

(LM10,000) bl-interessi tat-8% fis-sena mit-13 ta' Novembru, 1985 (data tal-inkass tac-cheque relattiv) sad-data tal-pagament effettiv lill-instanti nomine – dana ukoll ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez komprizi dwar tal-protest giudizzjarju tal-29 ta' Settembru, 1986 u l-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar, 1987 kontra l-konvenuti li ghandhom jibqghu ingunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Licari li biha ecepixxa:

1. Illi id-domandi attrici in kwantu jolqtu lilu huma infondti kemm fil-fatt u fil-ligi u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2. Illi fil-Bord Meeting tat-8 ta' Novembru, 1985 ta' Intercontinental Services Limited, Alfred Grima u Henry Micallef ipprezentaw fatt kompjut lill-Bord tad-Diretturi billi infurmaw lill-membri li kienu bieghu is-*shares* in kwistjoni lill-Middle Sea Insurance bil-prezz ta' mija u erbghin elf liri Maltin (LM140,000). Issemmew ukoll li kien hemm xi spejjez, pero meta gew ippressatati biex jaghtu dettalji tal-ispejjez Grima u Micallef irrifjutaw li jghidu. Lanqas is-*share transfer form* ma giet presentata lill-Bord.

3. Illi bhal ma jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza il-minuti tat-8 ta' Novembru 1985 ma jurux fedelment dak li sar u intqal fl-istess meeting;

4. Illi l-eccipjent qatt ma approva il-minuti tal-Bord Meeting tat-8 ta' Novembru, 1985 stanti li meta dawn il-minuti inqraw ghall-approvazzjoni fil-meeting li sar fl-4 ta' April, 1986 hu kien imsiefer u allura ma setax jattendi u aktar u aktar japprovhom;

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Alfred Grima u Henry Micallef li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigi michuda bl-ispejjez preliminarjament billi l-accounts tas-socjeta' attrici tas-sena 1995 gew debitament approvati mill-azzjonisti kollha bla ebda eccezzjoni u/jew riservi u kwindi ghalhekk l-azzjoni hija irrita;

2. Sussidjarjament ghall-premess u bla pregudizzju ghall-istess illi d-domandi attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u kwindi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li kull ma ghamlu l-esponenti ghamluh fl-ahjar interess tas-socjeta' u wara li ottjenew il-vot unanimu tal-Bord tad-Diretturi. Kif qatt jista' jigi Bord gdid ta' socjeta' u jibda' jindaga l-operat tal-Bord ta' qablu? Kieku dan il-koncett kellu jigi ammess allura is-socjetajiet kummercjali flok 'l quddiem jibdew jimxu lura.

3. Inoltre illi Bord tad-Diretturi u multo magis ic-Chairman ta' dak il-Bord huwa mandatarju tas-socjeta' u kwindi a tenur tal-Artikolu 1970 tal-Kodici Civili jitqies li nghata is-setgha li jaghmel dak kollu li jidhirlu mehtieg ghall-esekuzzjoni tal-mandat u f'dan il-kaz il-mandat mghoti lill-esponenti kien dak tal-bejgh tas-shares. Kwindi allura l-operat taghhom, ossia l-esekuzzjoni tal-operat taghhom mhux u ma jistax ikun sindakabbli <u>issa</u> mill-Bord il-gdid.

4. L-esponenti taw kont ta' dak li <u>kienu sejrin</u> jaghmlu lill-Bord tad-Diretturi avolja skond il-ligi huma tenuti li jaghtu kont ta' dak kollu li huma <u>jkunu jaghmlu</u> (Artikolu 1977 tal-Kodici Civili) u ta' dak kollu li huma kienu ser jircevu bis-sahha tal-mandat u kwindi anke dak l-obbligu gie minnhom debitament onorat;

5. Ma hemm xejn, almenu in kwantu jirrigwarda l-esponenti, li b'ghemilhom fil-bejgh ta' dawn is-shares huma ghamlu xi haga li tista' tkun detrimentali ghas-socjeta' – se mai l-oppost – u kwindi la hemm frodi, la negligenza u lanqas kolpa fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom lejn il-kumpanija attrici.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Grima li biha eccepixxa:

1. Illi huwa dejjem agixxa skond il-ligi u kif awtorizzat mill-att kostitutiv tas-socjeta' li taghha kien direttur;

2. Illi bl-ebda mod ma naqas mid-dmirijiet tieghu sew fil-konfront tas-socjeta' sew fil-konfront tas-socji individwali;

3. Illi l-agir tal-eccipjent kif ukoll tal-Bord, li minnu kien jifforma parti, kien gie approvat fil-laqgha generali tas-socjeta' attrici. Waqt liema laqgha kienu wkoll gew approvati l-accounts tal-istess socjeta';

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Victor Mercieca li biha eccepixxa:

Illi l-eccipjent ma ghamel ebda att frodolenti jew negligenti fl-ezekuzjoni tad-dmirijiet tieghu waqt li kien direttur tas-socjeta' attrici li setgha ikkaguna id-danni pretizi mill-attur nomine;

Illi il-pretensjonijiet u allegazzjonijiet tal-atturi nomine fil-konfront tieghu huma komplatament infondati legalment peress li huwa la awtorizza u lanqas kien infurmat dwar in-natura u inkass tas-somma ta' LM10,000 reklamata mis-socjeta' attrici;

Ghaldaqstant it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Professur Dottor Joseph A. Micallef li biha eccepixxa:

1. Illi huwa bhala membru tal-Bord ta' Diretturi ta' Intercontinental Services Ltd approva l-bejgh tax-shares

ta’ l-Air Malta Limited u l-hlas ta’ LM10,000 ghal sensarija jew kommissjoni;

2. Illi l-istess bejgh ta’ shares u hlas ta’ kommissjoni gew debitament u unanimament approvati u awtorizzati mill-Bord tad-Diretturi u la l-Bord sussegwenti u lanqas din il-Qorti ma tista’ tissostitwixxi l-gudizzju taghhom ghal dak u ghalhekk huma insindikabbli;

3. Illi huwa qatt ma agixxa in frode u dejjem fil-limiti legali;

4. Illi l-bejgh ta’ shares jaqa’ fil-poter tal-Bord ta’ Diretturi u l-hlas ta’ kummissjoni anki fil-mansjoni tal-Managing Director Alfred Grima;

5. Illi jekk hemm nuqqas ta’ registrazzjoni fil-kotba tal-kumpanija l-eccipjenti mhux responsabbli ghaliha, ghax qatt ma kienu f’idejgh, u ma jifhimx ghax kellha ssir;

6. Illi ghalhekk id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tat-8 ta’ Frar, 2001, li biha l-Avukati Anton u Peter ahwa Micallef assumew l-atti tal-kawza minflok il-Professur Joseph Micallef li miet fil-mori tal-kawza.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-Avukati Anton u Peter ahwa Micallef li biha eccepew:

1. Illi, filwaqt li jtennu u jsostnu l-eccezzjonijiet gia eccepiti mill-konvenut, illum mejjet, l-Avukat Professur Joseph Micallef, il-ligi applikabbli dwar il-mertu ta’ din il-kawza hija l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap 168) u mhux l-Att Nru XXV 1995 dwar il-kumpanniji;

2. Illi, stante li l-eccipjenti qatt ma kienu diretturi jew ufficjali tas-socjeta'/socjetajiet attrici it-talbiet numru/i wahda (1) mhumiex sorretti mill-ligi fil-konfront ta’ l-eccipjenti;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tat-3 ta' Mejju, 2002, li fih gie registrat li din il-kawza ghandha timxi ma dik bin-numru 932/88, ukoll pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Rat in-Notai tas-Sottomissjonijiet skambjati bejn il-konvenuti ahwa Micallef u l-attur;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-ahwa Micallef;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur, fil-kwalita' tieghu ta' managing Director tas-socjeta Intercontinental Services Limited, ressaq din l-istanza f'isem il-kumpanija kontra c-Chairman u d-Diretturi l-ohra tal-istess kumpanija, li biha qed jattribwilhom ghemil u/jew nuqqas bazat fuq frodi u/jew negligenza u/jew kolpa fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom lejn il-kumpanija, u dan meta, wara li l-kumpanija bieghet azzjonijiet li kellha fl-Air Malta Company Limited, parti mis-somma tal-prezz, u precisament is-somma ta' LM10,000, "baqghet ma gietx akkreditata" lill-kumpanija u dan minghajr spjegazzjoni jew gustifikazzjoni. L-attur qed jallega li peress li din is-somma intilfet mill-fondi tal-kumpanija, u dan b'tort tal-konvenuti, dawn l-istess konvenuti ghandhom ihallsu d-danni li sofriet il-kumpanija, ekwivalenti ghas-somma ta' LM10,000.

Illi l-attur qed jilmenta fuq agir u/jew nuqqas li sehh fl-1985/1986, meta l-kumpanija bieghet 750,000 azzjoni lis-socjeta' Air Malta Company Limited bil-prezz ta' LM150,000. Dawn il-flus iddahlu fil-kotba tal-kumpanija, hlief ghas-somma ta' LM10,000 li, skond l-attur, ma sab

ebda tracca taghhom. L-attur qed jallega li c-Chairman u d-Diretturi tal-kumpanija konvenuti huma responsabbli ghal dan in-nuqqas peress li aggixew bi frodi, negligenza jew kolpa fl-esekuzzjoni tad-doveri taghhom lejn il-kumpanija.

Illi mill-premess jidher car li l-attur qed jattakka agir tad-Diretturi li d-doveri taghhom hu regolat bil-ligi. Il-ligi li kienet tirregola d-drittijiet u obbligi tad-diretturi f'dak iz-zmien kienet l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap 168), li fl-1995 giet sostitwita bl-Att dwar il-Kumpanniji (Att XXV tal-1995). L-attur qed jissottometti li l-ligi li ghandha tirregola l-ghemil tad-diretturi ghandha tkun il-ligi il-gdida li, b'mod komplessiv, dahlet biex tirregola dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-kumpaniji u l-ufficjali taghhom; il-konvenuti ahwa Micallef qed jissottomettu, min naha l-ohra, li l-agir allegat sehh fiz-zmien li d-doveri tal-ufficcjali tal-kumpanija kien regolat bil-Kap 168 u jekk dawn ghandhom jinstabu responsabbli ta' xi nuqqas, dan ghandu jigi stabbilit fid-dawl tal-ligi vigenti dak iz-zmien u mhux fil-kuntest ta' ligijiet li ma kienux jezistu meta sehh l-allegat agir.

Dan il-punt huwa l-istess wiehed li gie trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kawza "Joseph Said nomine vs Alfred Grima et" (citazzjoni numru 932/88) u s-sentenza preliminari giet moghtija illum stess minn din il-Qorti kif presjeduta. F'dik is-sentenza, din il-Qorti dahlet fil-materja tal-ligi applikabbli u, a skans ta' repetizzjoni, tadotta , ghall-fini ta' din id-decizjoni, l-argumenti u motivazzjonijiet adoperati mill-Qorti f'dik id-decizjoni. Il-konkluzjoni milhuqa hi li l-agir jew nuqqas ta' agir li qed jigi attakkat mill-attur u li allegatament sehh fis-snin 1985/1986 ghandu jigi ezaminat u mistharreg fid-dawl tal-principji u ligijiet ezistenti dak iz-zmien.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tidetermina din l-istanza billi previa li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Avukat Anton u Peter ahwa Micallef, tiddeciedi li l-ligi applikabbli ghall-meritu ta' din il-Kawza hija l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap. 168), u tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni.

L-ispejjez ta' din id-decizjoni qed jigi riservat ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

D/REG